# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 460/2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur James Grech)**

**vs**

**Samuel Herd**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2017

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Samuel Herd, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 453259M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli bejn Jannar u Settembru 2014 f' Rahal Gdid u/jew f' partijiet ohra f' dawn il-gzejjer, bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li kisru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda:

1. Sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz f' xi dokument bi hsara tal-

Facilita Korrettiva ta' Kordin u / jew tal-Gvern ta' Malta u/jew ta' xi persuna/i, entita u/jew entitajiet ohra;

2. Aktar talli ghamel uzu mhux sewwa minn xi karta fdata lilu in bjank bil-firma biss, bi hsieb ta' qligh, kiteb fuqha xi haga ta' hsara ghal Facilita Korrettiva ta' Kordin u/jew tal-Gvern ta' Malta u/jew ta' xi persuna/i, entita u/jew entitajiet ohra, jew, bl-istess hsieb, zied fuq karta mhix in bjank, fdata lili, xi kitba jew klawsola;

3. Aktar talli b' mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b' ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh bi hsara tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin u/jew tal-Gvern ta' Malta u/jew ta' xi persuna/i, entita u/jew entitajiet ohra;

4. u aktar talli ghamel qligh b' qerq ta' aktar minn hames mitt euro (€500) izda mhux aktar minn hamest elef euro (€5000), bi hsara tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin u/jew tal-Gvern ta' Malta u/jew ta' xi persuna/i, entita u / jew entitajiet ohra;

Il-Qorti kienet mitluba sabiex titratta ma' Samuel Herd bhala ufficjal jew impjegat pubbliku li huwa kellu jissorvelja biex jara li dan ir-reat ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi a tenur ta' l-Artikolu 141 ta' Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tad-9 ta' Ottubru, 2015 li biha sabet

lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u b' applikazzjoni tal-Art. 22 tal-Kap 446 illiberatu bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien tliet (3) snin u b' applikazzjoni tal-Art. 190 tal-Kodici Kriminali ordnat l-interdizzjoni generali u perpetwa tieghu.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Samuel Herd, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-20 ta' October, 2015, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti **tvarja** s-sentenza appellata billi **tikkonfermaha** in kwantu sabet lill-appellant hati ta' l-ewwel u t-tielet akkuza, izda **tirrevokaha** in kwantu sabitu hati wkoll tat-tieni u tar-raba' wahda u lliberatu bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien tliet snin u interdixxietu b'mod generali u perpetwu, u dan billi tilliberah mit-tieni u r-raba imputazzjoni, timmitigalu l-piena u tirrevoka l-ordni tal-interdizzjoni generali u perwetwa;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor huma s-segwenti u f'dik l-ordni: li ma kellhiex tkun ordnata l-interdizzjoni generali u perpetwa tieghu ghaliex l-artikolu 190 tal-Kodici Kriminali japplika ghar-reati ta' falsifikazzjoni minn impjegati pubblici u mhux ghal-kull reat taht is-Subtitolu II tat-Titolu V tal-Kodici Kriminali;li ma kellux jinsab hati tar-raba imputazzjoni minkejja li rregistra ammissjoni dwarha stante

li hija wahda alternattiva; u finalment li ma kellux jinsab hati tat-tieni imputazzjoni ghaliex ma irrizultawx l-elementi ta' dak ir-reat;

2. Illi l-fatti ta' dan il-kaz jistghu jkunu riassunti kif gej. L-appellant, impjegat fis-servizz civili u assenjat fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, ghamel qliegh indebitu kontra l-erarju meta fil-karta tal-attendenza tax-xoghol tieghu kien inizzel hinijiet ta' dhul u hrug fuq il-post tax-xoghol li ma kienux minnhom biex hekk ghamel qliegh ta' €1550. Meta konfrontat b'dan l-agir huwa rrifonda minnufih l-ammont u ammetta l-ewwel, it-tielet u r-raba' imputazzjoni appena tressaq il-Qorti;

3. L-ewwel gravam jirrigwarda is-sejbien ta' htija fit-tieni imputazzjoni, dik ipottizata fl-artikolu 297 tal-Kodici Kriminali li jiddisponi hekk:

> **297. Kull min billi jaghmel uzu mhux sewwa minn xi karta fdata lilu in bjank bil-firma biss, bi hsieb ta' qligh, jikteb fuqha xi haga li tkun ta' hsara ghal persuna ohra, jew, bl-istess hsieb, izid fuq karta mhix in bjank, fdata lilu, xi kitba jew klawsola, jehel meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija minn disa xhur sa tliet snin**.

Huwa evidenti illi wiehed mill-elementi materjali ta' dan ir-reat hu li l-karta li fuqha ssir il-kitba jehtieg li tkun iffirmata bil-quddiem mill-awtur tal-firma. Mill-provi migjuba mill-prosekuzzjoni, jemergi illi l-appellant kien inizzel il-hinijiet fuq *attendance sheet* dedikata ghalih minghajr il-firma ta' hadd hlief tieghu. Din imbaghad tghaddi ghall-approvazzjoni

tal-awtoritajiet tas-CCF bil-firem u kontra firem taghhom u ma tergax tigi fil-pussess tal-impjegat;

4. L-ewwel Qorti ghalhekk interpretat hazin il-fatti u provi migjuba quddiemha ghaliex l-*attendance sheet* qatt ma kienet iffirmata in bjank u anqas ma saret xi zieda fuqha wara li kienet ffirmata u kontrofirmata mill-ufficcjali tas-CCF. L-appellant ghalhekk ghandu ragun f'dan l-ewwel aggravju;

5. It-tielet aggravju ser ikun konsiderat qabel it-tieni wiehed la darba dan tal-ahhar jitratta dwar il-piena. L-appellant jargumenta illi minkejja li kien irregistra ammissjoni anke fuq ir-raba imputazzjoni, din kienet wahda alternattiva ghall-ewwel tlett imputazzjonijiet u ghalhekk l-ewwel Qorti kellha tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha. Ir-raba' imputazzjoni hi dik ravvizata fl-artikolu 309 tal-Kodici Kriminali li jipprovdi hekk:

> **309. Kull min, bi hsara ta' haddiehor, jaghmel qligh iehor b'qerq, <u>mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu</u>, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija minn xaharejn sa sentejn jew il-multa.**

6. Raggunt il-punt li hemm htija fit-tielet imputazzjoni, dik ipotizzata fl-artikolu 308, anke ghaliex hija ammessa mill-appellant, ir-raba imputazzjoni ma tistax hlief titqies bhala wahda alternattiva. Dan ghaliex l-artikolu 309 jiskatta kemm il-darba isir qliegh ghad-dannu tat-terz b'xorta ta' qerq mhux imsemmi f'xi wiehed mill-artikoli tas-sub-titolu III tat-titolu IX. L-appellant ghalhekk ghandu ragun f'dan l-aggravju minkejja li kien jispetta lilu li jiccara dan kollu fil-mument meta rregistra ammissjoni;

7. L-appellant jikkritika ukoll il-piena erogata mill-Ewwel Qorti Qorti f'dik il-parti fejn ordnat l-interdizzjoni generali u

perpetwa tieghu fit-termini tal-artikolu 190 tal-Kodici Kriminali. Dan l-artikolu jiddisponi hekk:

> **190. Fid-delitti kollha ta' falsifikazzjoni maghmulin minn ufficjali jew impjegati pubblici, il-piena tal-interdizzjoni generali perpetwa ghandha dejjem tizdied mal-piena stabbilita ghad-delitt.**

L-appellant jargumenta illi l-ewwel Qorti ma kienitx korretta meta rriteniet illi l-interdizzjoni kontemplata fl-artikolu 190 hija "applikabbli ghad-delitti kollha ta' falsifikazzjoni maghmulin minn ufficcjali jew impjegati pubblici u fil-kaz odjern gie pruvat li l-imputat kien impjegat pubbliku u huwa qed jinstab hati tar-reat ta' dikjarazzjoni falza jew tgharif falz lill-awtorita' pubblika..."

8. Ir-ragunament tal-appellant huwa radikat mill-fehma tieghu li ma kien hemm ebda falsifikazzjoni ta' dokument ghaliex ir-reat ta' falsifikazzjoni jirrikjedi alterazzjoni f'dokument. Huwa jiccita is-segwenti bran mill-insenjament tal-Professur Anthony J Mamo (Notes on Criminal Law): "*Forgery, for the purpose of the Act, is defined as the making of a false document in order that it may be used as genuine....A document is false within the meaning of the Act if the whole or any material part of it purports to be made by or on behalf or on account of a person who did not make it nor authorise its making ...*";

9. Jibda biex jinghad illi l-bran citat mill-appellant huwa referenza mill-Professur Mamo ghal-Forgery Act tal-1913, meta, <u>bhala introduzzjoni</u> ghar-reat ta' falsifikazzjoni kien qed jispjega l-*quid juris* fil-*common law* Ingliza. (Notes on Criminal Law – Revised Edition 1954-1955 a fol 153 *et seq*). Jghallem il-Mamo, illi hlief ghal dak li jirrigward l-falsifikazzjoni ta' dokumenti pubblici u privati, l-Kodici

Kriminali, bhal ligijiet li minn fuqhom kienu abbozzati l-artikoli tal-falsifikazzjoni, ma jipprovdux tifsira tal-istess. Huwa jiccita lill-Roberti u lill-Pessina li huma tal-fehma illi falsifikazzjoni tista' ssir b'zewg mezzi: jew billi jinholoq dokument ex integro jew parti minnu jew billi ssir alterazzjoni ta' dokument genwin. Itenni ukoll illi ma jistax jonqos l-element formali tar-reat skond il-principju emergenti mid-dritt Ruman: "*non sine dolo male falsem*". Kwantu wiehed mill-elementi kostituttivi tal-aspett materjali tar-reat, il-Professur Mamo (*op. Cit* a fol 161) jiccita l-awtur Kenny li jsostni li "*an instrument is not a forgery when it merely contains statements which are false, but only when it falsely purports to be itself that which it is not... Thus a forgery is a document which not only tells a lie, but tells a lie about itself*".

10. F'edizzjoni aktar ricenti tax-xoghol ta' Kenny, (Kenny's Outlines of Criminal Law – 19 Ed 1966 edited by J.W. Cecil Turner – Cambridge University Press) taht is-subtitolu THE FALSITY IS OF PURPORT, NOT OF CONTENTS, l-awtur jirritjeni hekk:

"A writing is not a forgery when it merely *contains* statements which are false, but only when it falsely purports to *be* itself that which it is not. Thus in *Re Windsor* it was declared: "Forgery is the false making of an instrument purporting to be that which it is not, it is not the making of an instrument which purports to be what it realy is, but which contains false statements. Telling a lie does not become a forgery because it is reduced into writing". The simplest and the most effective phrase by which to express this rule is to state that for the purposes of the law of forgery the writing *must tell a lie about itself*". Fil-kaz odjern, l-*attendance sheets* juru hinijiet ta' xoghol tieghu meta fil-verita' ma kienx prezenti fuq l-istess post tax-xoghol. Dan huwa kaz klassiku tal-falz ideologiku kif distint mill-falz materjali li b'mod

simplistiku huwa ta' spiss spjegat bhala holqien ta' dokument veru li, izda, jkun fih dikjarazzjoni inveritiera. Kif jinsenja l-gurista Francesco Antolisei (Manuale di Diritto Penali – Parte Speciale II, Giuffre' 1986: - "*Allo scopo di precisare la distinzione, il Manzini (Conformemente, del resto, alla migliore dottrina straniera), si e richiamato ai due diversi significati che, come abbiamo posto in rilieva, assume in genere il-termine 'falso', e precisamente alla differenza tra 'non-genunita`' e 'non-verdicita`'. Secondo l-insigne autore, il-falso materiale si ha quando il-documento non e' genuine; il-falso ideologico allorche` l-documento e' bensi genuino, ma non e' veridicio, perche` colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero";*

11. Is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Paul Galea tas-17 t'Ottubru 1997, certament li hija luminanti hafna ghal-kwistjoni odjern meta tirritjeni illi: "*Id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku hi spjegata mill-awturi b'dan il-mod: filwaqt li fil-kaz tal-falz materjali id-dokument jigi ffalsifikat fl-essenza materjali tieghu, fil-falz ideologiku id-dokument ikun iffalsifikat biss fis-sustanza u cioe' fil-kontenut ideali tieghu (ara. Antolisei, F., Manuale di dirittto Penali – Parte Speciale II (Giuffre', Milano, 1986), p. 604). Fi Kliem Manzini (Trattato, v.VI, n,2296, p. 829) ikun hemm falsita' materjali meta d-dokument ikun wiehed mhux genwin (jigifieri jew meta l-awtur apparenti ma jkunx l-awtur reali tad-dokument jew meta d-dokument ikun issubixxa alterazzjoni wara l-formazzjoni definittiva tieghu), mentri fil-falz ideologiku, ghalkemm id-dokument ikun genwin "non e' veridico, perche' colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero*". Illi ghalhekk il-fehma tal-appellant illi r-reat ta' falsifikazzjoni neccessarjament jirrikjedi alterazzjoni f'dokument hija wahda zbaljata. L-artikolu 188 tal-Kodici

Kriminali li tieghu instab hati l-appellant huwa forma ta' falsita' ideologika u bhala tali huwa soggett ghall-konsegwenzi kollha li ggib maghha din il-htija kompriz ghalhekk dik ravvizata fl-artikolu 190 tal-istess kodici;

12. Ghal dawn il-motivi tiddisponi minn dan l-appell billi tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha f'dik il-parti li biha sabet lill-appellant hati tat-tieni u tar-raba imputazzjoni u konsegwentement tilliberah minnhom. Tikkonfermaha fil-kumplament kompriz fil-liberazzjoni tieghu bil-kundizzjoni li ma jghamilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin u fl-ordni tal-interdizzjoni generali u perpetwa tieghu.